# F'Għeluq ir-Raba' Ċentinarju mill-Aħħar Ħbit tat-Torok

*Perit Ruben Abela, President ta' Wirt iż-Żejtun*

Din is-sena jaħbat għeluq l-400 sena mill-ħbit tat-Torok li seħħ fis-6 ta' Lulju tal-1614. Dan huwa magħruf bħala l-aħħar ħbit tat-Torok fuq Malta. L-attakk tal-qawwa Torka kien sar fuq ix-Xlokk ta' Malta, preċiżament fl-inħawi taż-Żejtun. Fil-fatt madwar sittin ġifen Tork daħlu fil-Bajja ta' San Tumas, wara li ppruvaw jidħlu fil-port ta' Marsaxlokk u hemm sabu l-kanuni tat-Torri ta' San Luċjan jilqgħuhom. Malli niżlu l-art ġibdu lejn iż-Żejtun u matul triqithom ħarbtu l-uċuħ tar-raba' u qatlu kemm sabu bhejjem fl-irziezet. Mas-sinjal tal-ħbit, in-nisa, tfal u anzjani Żwieten marru għall-kenn tas-swar tal-Birgu, filwaqt li l-irġiel ħejjew għat-taqbida.

Il-ġlied seħħ fl-inħawi ta' Buleben, qrib ħafna tal-inħawi ta' San Klement. Iż-Żwieten, taħt it-tmexxija ta' Klement Tabone, issieltu mal-għadu sakemm dan irtira lura lejn l-iġfna sorġuti fil-Bajja ta' San Tumas. Jingħad li l-kavallerija tal-Ordni ġiet ukoll tagħti l-għajnuna lill-komunità Żejtunija. Rakkont ta' din il-ġrajja jinsab minqux fuq lapida tal-ġebel li hemm biswit l-artal maġġur fil-parroċċa l-qadima ta' Santa Katarina (San Girgor), kif ukoll impitter fuq il-kwadru titulari tal-istess parroċċa, li llum jinsab fil-Mużew tal-Istorja u Arti taż-Żejtun. Għalkemm jingħad li ħadd mill-Maltin ma ndarab, it-Torok ħallew ħerba sħiħa warajhom tant li damu xhur ma jiġu amministrati sagramenti fil-knisja parrokkjali.





*L-E. T. Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta*

Sfortunatament din il-ġrajja ta' qlubija ta' missirijietna Żwieten ma nsibuhiex fil-kotba tal-Istorja ta' Malta u ftit nies jafu biha, inkluż aħna ż-Żwieten stess. Kien għalhekk li Wirt iż-Żejtun ħasbet sabiex għeluq ir-raba' ċentinarju minn din il-ġrajja tfakkar dan l-avveniment storiku. L-attivitajiet li għamilna u fadal nagħmlu huma bosta. F'dan l-ispazju li għandna se nirreferu għal uħud minnhom.

Matul ix-xhur ta' Marzu u April, min għadda minn quddiem il-parroċċa l-qadima (San Girgor) seta' jara li l-istatwa ta' San Girgor kienet mgħottija u mdawra bl-armar. Fuq inizjattiva ta' Wirt iż-Żejtun u bil-għajnuna finanzjarja tal-membri tal-istess għaqda, kif ukoll permezz ta' xi donazzjonijiet li rċevejna minn ftit benefatturi, din l-istatwa ġiet irrestawrata. Kienet l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, li inawgurat uffiċjalment dan ir-restawr, waqt lejla mużiko-letterarja li ġiet organizzata lejlet San Girgor, fit-22 t'April. Din l-istatwa hija monument importanti mhux biss għalina ż-Żwieten iżda wkoll fuq livell nazzjonali. Dan minħabba l-importanza artistika ta' dan ix-xogħol. Fil-fatt din l-istatwa saret fuq id-disinn ta' Vincenzo Hyzler u nħadmet minn Salvu Dimech fl-1837, artisti fil-Moviment tan-Nazzareni, li kienu attivi fl-ewwel nofs tas-Seklu 19. Kienet ikkummissjonata mill-kantur, il-Kanonku Annetto Consolani Mamo.

Dan il-proġett ta' restawr sar sabiex matul din is-sena importanti, Wirt iż-Żejtun tħalli rigal lill-



*L-Istatwa ta' San Girgor*



*Il-Lapida tal-Ġebel*

komunità Żejtunija tal-lum billi ġġedded il-ħajja ta' wieħed mill-bosta monumenti li jżejnu beltna.

Barra din l-inizjattiva u bosta oħrajn marbutin ma' din il-ġrajja, nhar is-Sibt 5 ta' Lulju, Wirt iż-Żejtun se tkun qed torganizza t-tieni simpożju nazzjonali minn kemm ilha mwaqqfa. Wara s-suċċess li kellna bis-simpożju li sar fl-2012 dwar il-Villa Rumana taż-Żejtun, din id-darba ħsibna sabiex norganizzaw simpożju marbut mal-ġrajja tal-1614. Fil-fatt f'dan is-simpożju se jkollna numru ta' akkademiċi, riċerkaturi u esperti f'oqsma differenti tal-Istorja u l-Arti, li mhux biss se jippreżentaw l-istudji tagħhom waqt dan is-simpożju, iżda wkoll il-kontribuzzjonijiet tagħhom ser jinġabru fi ktieb li se tkun qed tippubblika Wirt iż-Żejtun u li se jkun għall-bejgħ ftit ġimgħat wara s-simpożju. Dan il-ktieb se jkun tal-istess livell u kwalità bħall-ktieb li ħriġna dwar il-Villa Rumana taż-Żejtun, u min iħobb l-istorja ta' pajjiżna żgur m'għandux jonqos milli jakkwista kopja.

Waqt Żejt iż-Żejtun, l-għaqda tagħna se tkun qed terġa' ttella' wirja li din id-darba se tkun marbuta direttament ma' dan l-anniversarju li qed infakkru. Bħaż-żewġ wirjiet li għamilna fis-sentejn li għaddew, bil-għajnuna ta' Heritage Malta, se nkunu qed inġibu parti mill-Kollezzjoni Nazzjonali sabiex titgawda miż-Żwieten u minn dawk li jżuru lil beltna waqt din l-attività annwali, li kull sena qed tiġbed dejjem aktar nies lejn iż-Żejtun.

Lejn tmien din is-sena u sabiex nagħlqu dawn l-attivitajiet, Wirt iż-Żejtun qed taħdem biex ittella' dramm marbut ma' din il-ġrajja storika. Dan id-dramm qed jinkiteb minn awtur Żejtuni u fih se jieħdu sehem diversi atturi Żwieten.

Dawn huma biss ftit mill-inizjattivi li ħadna u li se nkomplu nieħdu matul din is-sena. Il-kumitat eżekuttiv ta' Wirt iż-Żejtun qed jaħdem bis-sħiħ sabiex ikompli jqanqal aktar interess u apprezzament lejn il-wirt storiku u kulturali taż-Żejtun. Wara dawn l-erba' snin li ilna naħdmu bħala għaqda nixtieqụ nuru l-apprezzament tagħna lejn il-membri msieħba fi ħdan din l-għaqda volontarja li fehmu l-iskop li għalih qed naħdmu u dejjem sibniehom ta' għajnuna. Jekk int temmen fl-istess għan tagħna, nistednuk tidħol membru f'Wirt iż-Żejtun. Jekk tixtieq iżżomm ruħek aġġornat jew aġġornata, nistednuk iżżomm kuntatt magħna jew permezz tas-sit elettroniku tagħna www.wirtizzejtun.com jew permezz tal-Facebook.




*Ġlied bejn il-Maltin u t-Torok*